MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT MANGION**

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2012

Rikors Numru. 211/2012

Kawza fil-lista: 54

**A B**
**vs**
**T R**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors li permezz tieghu r-rikorrenti ppremettiet u talbet hekk:

Illi l-partijiet izzewwgu fil-11 ta’ Lulju 2002, u minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati de facto sa mis-sena 2004 u fil-fatt ilhom ma jghixu flimkien minn din id-data;

Illi m’ hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;

Illi ma hemm ebda kwistjoni dwar il-manteniment;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant ir-rikorrent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jiehu l-passi kollha necessarji biex dan id-digriet ta’ divorzju jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat lil-konvenut debitament notifikata ddikjarat li ma topponix ghat-talba;

Rat l-atti tal-kawza;

Semghet xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi dak premess u mitlub jinsab sodisfacentement provat, u jinsabu sodisfatti l-kondizzjonijiet tad-dispozizzjoni tal-ligi fuq citata; ghalhekk it-talbiet attrici jimmeritaw li jigu milqugha.

Tosserva illi ma ngabu l-ebda provi dwar il-konsistenza tal-komunjoni ta’ l-akkwisti ta’ bejn il-partijiet u ghalhekk qed tikkunsidra illi ma keinx hemm assi li jappartjenu l-komunjoni ta’ l-akkwisti tal-partijiet.

Ghal dawn il-motivi, tilqa’ parzjalment l-ewwel talba billi tiddikjara xolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-

partijiet, tiddikjara illi m’ hemmx assi x’ jigu divizi bejn il-partijiet. Tilqa’ t-tieni talba u ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------